KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.7.2008
SEG(2008) 2279

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja l-Proposta għar-REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar il-qafas ġuridiku tal-Komunità għal Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (ERI)

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

{KUMM(2008) 467 finali}
{SEG(2008) 2278}

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

Din il-Valutazzjoni ta' l-Impatt takkumpanja l-proposta għal "REGOLAMENT dwar il-qafas ġuridiku tal-Komunità għal Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (ERI)", li hija inkluża fil-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2008 bħala waħda mill-inizjattivi ta' prijorità.

Mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-UE "Lejn Żona Ewropea tar-Riċerka" f'Jannar 2000, l-idea ta' Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) komuni saret il-prinċipju gwida ewlieni għall-miżuri Komunitarji kollha dwar l-R&D u l-pilastru ċentrali sabiex jintlaħqu l-miri ta' riċerka ta' l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir, ix-xogħol u ekonomija Ewropea dinamika u bbażata fuq l-għarfien. Fil-Green Paper ta' l-2007 dwar l-ERA "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda" ġew identifikati għadd ta' oqsma prinċipali fejn azzjoni effettiva bi sħab bejn l-Istati Membri għandu jkollha l-potenzjal li twassal għal kisbiet sinifikanti għas-sistema ta' riċerka Ewropea u tgħin biex toħloq "il-ħames libertà" - il-moviment ħieles ta' l-għarfien - fl-Ewropa. F'dan il-kuntest, "L-iżvilupp ta' infrastrutturi tar-riċerka ta' klassi dinjija" qed jitressaq bħala wieħed mill-pilastri ta' viżjoni ambizzjuża ta' l-ERA.

Ir-rwol ta' l-infrastrutturi tar-riċerka fl-avvanz ta' l-għarfien u t-teknoloġija qiegħed dejjem jikber. Pereżempju, faċilitajiet ta' irradjazzjoni, id-databanks fil-ġenomika u fix-xjenzi soċjali, l-osservatorji għax-xjenzi ambjentali, is-sistemi ta' l-"imaging" jew il-"clean rooms" għan-nanoelettronika, huma fil-qofol tal-proċessi tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni. Billi jiġu offruti servizzi ta' riċerka uniċi lil utenti minn pajjiżi differenti, billi jiġu attratti ż-żgħażagħ lejn ix-xjenza u permezz ta' netwerking tal-faċilitajiet, l-infrastrutturi ta' riċerka jgħinu fl-istrutturar tal-komunità xjentifika u għalhekk għandhom rwol prinċipali fil-binja ta' ambjent effiċjenti ta' riċerka u innovazzjoni. Minħabba l-kapaċità tagħhom li jgħaqqdu 'massa kritika' ta' nies u investiment, jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku fuq livell nazzjonali, reġjonali u Ewropew. Huma għalhekk fil-qalba tat-trijangolu ta' għarfien tar-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni.

Hekk kif il-fruntieri tar-riċerka jevolvu u javvanzaw, u t-teknoloġiji tagħna jagħmlu progress, l-infrastrutturi tar-riċerka qegħdin isiru iktar kumplessi u iktar għaljin, spiss ikunu diffiċli biex jinkisbu minn grupp, reġjun, nazzjon jew saħansitra kontinent waħdieni ta' riċerka. Il-frammentazzjoni fl-Ewropa ma tgħinx biex jiġu ffaċċati dawn l-isfidi.

Dan kien rikonoxxut mill-Kunsilli tal-Kompetittività ta' bejn l-1u t-3 ta' Lulju 2004 u ta' bejn il-25 u s-26 ta' Novembru 2004 meta l-Ministri qablu li, bħala parti mill-qafas għal aktar żvilupp ta' l-ERA, huma meħtieġa r-rinfurzar tar-riċerka tal-kompetittività, il-prevenzjoni tal-fragmentazzjoni, u l-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-infrastrutturi tar-riċerka. Il-Ministri enfasizzaw il-ħtieġa għall-iżvilupp ta' strateġija Ewropea fil-qasam ta' l-infrastrutturi tar-riċerka, li għandha timplika koordinazzjoni akbar fil-livell Ewropew kif ukoll approċċi differenti skond il-qies u l-ambitu tal-faċilitajiet tar-riċerka kkonċernati. Il-Ministri taw mandat lill-ESFRI, il-Forum ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Infrastruttura tar-Riċerka, biex jiżviluppa pjan strateġiku għall-Ewropa għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' l-Infrastrutturi tar-Riċerka.

Wara l-ħruġ tal-pjan mill-ESFRI, f'Ottubru 2006, bosta Kunsilli tal-Kompetittività, kif ukoll il-Kunsill Ewropew, appellaw lill-Istati Membri biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni ta' l-Infrastrutturi tar-Riċerka b'interess pan-Ewropew, u rrikonoxxew ir-rwol importanti tal-Kummissjoni Ewropea f'dan il-proċess.

Madankollu, difikultà kbira għat-twaqqif ta' l-infrastrutturi Ewropea tar-riċerka l-ġodda, apparti l-iskarsezza tar-riżorsi u l-kumplessità tal-kwistjonijiet tekniċi u organizzazzjonali, hi n-nuqqas ta' qafas ġuridiku xieraq li jippermetti l-ħolqien ta' sħubija xierqa bi sħab minn pajjiżi differenti. Xogħol reċenti mwettaq taħt l-awspiċi ta' l-ESFRI irrikonoxxa l-limitazzjonijiet ta' l-istrumenti ġuridiċi eżistenti u identifika l-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas ġuridiku Komunitarju ġdid iddedikat għat-twaqqif ta' infrastrutturi Ewropej tar-riċerka li jinvolvu ħafna Stati Membri.

Huwa f'dak il-kuntest li l-Kummissjoni inkludiet fil-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tagħha għall-2008 proposta għall-iżvilupp ta' "REGOLAMENT dwar il-qafas ġuridiku tal-Komunità għall-Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (ERI)" bħala Inizjattiva ta' Prijorità.

Twettqet konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati biex titħejja din l-inizjattiva. Il-valutazzjoni ta' l-impatt użat informazzjoni minn sorsi varji: i) analiżi mwettqa minn esperti; ii) konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u iii) kontribuzzjonijiet minn gruppi bejn is-servizzi u minn "bord esperimentali" indipendenti speċifikament imwaqqaf biex isegwi din l-inizjattiva.

Tqiesu erba’ għażliet ta' politika:

- Alternattiva 1: L-alternattiva "l-ebda azzjoni speċifika ta’ l-UE" tikkorrispondi għas-sitwazzjoni preżenti, fejn kull konsorzju, permezz ta' proċess ad hoc, jipprova jidentifika l-forma ġuridika li tista' tkun l-iktar xierqa għall-proġett tagħhom minn fost il-forom ġuridiċi eżistenti.

- L-alternattiva 2 tikkorrispondi għal forma "ħafifa" ta' intervenzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, li tgħin lil dawk involuti fit-tiswir ta' infrastrutturi Ewropej sabiex jidentifikaw problemi u ħtiġijiet, iqassmu informazzjoni dwar kif jindirizzaw dawn il-problemi u biex jistabbilixxu l-aħjar prattiki.

- L-alternattiva 3 tikkorrispondi għat-twaqqif ta' Impriżi Konġunti mill-Komunità, skond l-Artikolu 171 tat-Trattat tal-KE, fuq il-bażi ta' każ b'każ, kull meta tinħass il-ħtieġa għal tali twaqqif;

- L-alternattiva 4 hija soluzzjoni iktar diretta għall-problema tal-mument. Tipproponi azzjoni leġiżlattiva biex tipprovdi strument legali ġdid adattat għall-ħtiġijiet ta' l-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka, li timxi id f'id mal-forom eżistenti fuq il-livell nazzjonali u Ewropew. Tikkunsidra wkoll is-setgħa mogħtija mil-leġiżlatur lill-Kummissjoni Ewropea għall-konferiment ta' l-istatus ta' "Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka".

Valutazzjoni komparattiva ta' l-għażliet differenti tal-politika tidentifika biċ-ċar l-Alternattiva 4 bħala l-iktar mod effikaċi u effiċjenti sabiex jinkisbu l-miri ta' politika ta' din il-proposta.

L-għanijiet tal-politika	Alternattiva 1	Alternattiva 2	Alternattiva 3	Alternattiva 4
L-iffaċilitar u t-tħaffif tal-proċess tat-twaqqif ta' infrastrutturi tar-riċerka Ewropej ġodda	Ġeneralment baxx	Ġeneralment baxx	Moderat	Għoli
Iż-żieda fl-għadd ta' infrastrutturi tar-riċerka Ewropej	Baxxa ħafna	Moderata	Moderata	Għolja
Il-kontribut għal iktar żvilupp ta' politika Ewropea għall-infrastrutturi tar-riċerka.	Baxx ħafna	Moderat	Moderat	Għoli
Il-provvediment ta' proċedura effiċjenti f'termini ta' l-ispiża għat-twaqqif ta' infrastrutturi tar-riċerka Ewropej ġodda	Ġeneralment baxx	Ġeneralment baxx	Baxx	Għoli
Il-provvediment tal-karatteristiċi kollha li forma ġuridika għandu jkollha għall-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej.	Jiddependi mill-iskema	Jiddependi mill-iskema	Moderat	Għoli
It-tkattir ta' immaġni pożittiva ta' l-UE fil-livell internazzjonali permezz tar-rinfurzar ta' l-ERA	Baxx ħafna	Moderat	Moderat	Għoli
Il-kontribut għall-ilħiq ta' l-impatti soċjoekonomiċi, ambjentali u soċjetali.	Ġeneralment baxx	Moderat	Moderat	Għoli